MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2015

Numru 980/2013

Il-Pulizija

Spettur James Grech

vs

Wayne Camilleri

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' 314092M akkuzat talli;

1. nhar id-9 ta' Frar 2013 ghal habta tat-1530hrs gewwa Triq L-Arkata, Rahal Gdid, ikkommetta serq ta' gizirana tad-deheb minn fuq il-persuna ta' Francesca Farrugia ta' 83 sena, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-ammont ta' € 2329.37 ghad-detriment tal-istess Francesca Farrugia u/jew ta'xi persuna/i ohra;
2. nhar is-26 ta' Lulju 2013 ghal habta tal-16:00hrs gewwa Triq il-Kbura San Guzepp, Hamrun, ikkommetta serq ta' gizirana tad-deheb minn fuq il-persuna ta' Giorgia Grech ta'

78 sena, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-ammont ta' € 2329.37 ghad-detriment tal-istess Giorgia Grech u/jew ta' xi persuna/i ohra;

3. nhar is-27 ta'Awissu 2013 ghal habta tat-0815hrs gewwa Triq Santa Monika, Paola, ikkometta serq ta' choker tad-deheb minn fuq il-persuna ta' Jane Portelli ta' 78 sena, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-ammont ta' € 2329.37 ghad-detriment tal-istess Jane Portelli u/jew ta' xi persuna/i ohra;
4. nhar it-23 ta' Awissu 2013 li ghal habta tas-13:00hrs gewwa Triq il-Kbira San Guzepp, Santa Venera, ikkometta serq ta' gizirana tad-deheb minn fuq il-persuna ta' Agnes Azzopardi ta' 65 sena , liema serq huwa serq semplici ghad-detriment tal-istess Agnes Azzopardi u/jew ta' xi persuna/i ohra;

Il-Qorti mitluba li titratta ma' Wayne Camilleri bhala recediv ta' sentenzi li saru definittivi u ma jistghux jithassru ai terminu tal-Artikolu 49, 50, u 289 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti;

Rat in-nota, mhux opposta, tal-Avukat Generali;

Semghat lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa jinsisti anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra;

Fuq l-iskorta ta' din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat u fuq konsiderazzjoni tar-rapport tal-ufficjal tal-probation nominat appositament, l-Qorti ssib u tiddikjara l-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Rat l-Artikolu 261 (c), 267, 279 (a), 284, 285, 17(b), 49 u 50 tal-Kap 9.

Tikkundannah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 11 u 18 tal-Kap 446 billi tqeghdu taht ordni ta' probation u servizz jigifieri taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-probation kif specifikat fl-Artikolu 7 tac-citat Kap u jaqdi ordni ta' servizz fil-komunita' ta' mitt siegha.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabilitajiet tieghu b'din is-sentenza.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------